MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2008

Citazzjoni Numru. 2571/1997/1

**Michelle Carbonaro.**

**vs**

**Pierre Bonello.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 11 ta' Novembru 1997 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif presjeduta fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti kienu gharajjes u sahansitra kienu ser jizzewgu.

Illi dan iz-zwieg kien ser isir skond l-ghazla stess tal-kontendenti skond ir-riti tal-Knisja Kattolika Romana;

Illi l-attrici ftit jiem qabel iz-zwieg giet infurmata li kien hemm impediment *ossia* ostaklu fil-konfront tal-konvenut li minhabba fih l-attrici giet infurmata li ma setghetx tipproduci biz-zwieg;

Illi l-attrici kienet ghamlet diversi spejjes u preparamenti in preparazzjoni tat-tieg u tal-hajja taghha mizzewga mal-konvenut;

Illi bhala konsegwenza tat-thassir taz-zwieg kif intqal l-attrici soffriet danni.

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti ma setax jsir minhabba mpediment *ossia* ostakolu fil-konfront tal-konvenut kif intqal fuq.

2. Tiddikjara ghalhekk li l-konvenut huwa responsabbli ghad-danni fil-konfront ta' l-attrici.

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici kif intqal okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici dik is-somma kif likwidata kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-attrici a fol. 3 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif presjeduta ghas-seduta tat-23 ta' Gunju 1998.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Pierre Bonello datata 16 ta' Gunju 1998 a fol. 8 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi mhux minnu li z-zwieg ma sehhx ghall-ragunijiet imputabbli lill-konvenut izda minhabba inkompatibbilta` ta' bejn il-partijiet.

2. Illi l-attrici bdiet thejji ghaz-zwieg minghajr l-ebda konsultazzjoni mal-konvenut tant illi marret tibbukja s-sala tat-tieg ftit xhur biss wara li saret tafu u kull meta l-konvenut kien jghidilha li ried iwaqqaf il-pjanijiet taghha ghaz-zwieg hija kienet thedded li tikkommetti suwicidju.

3. Illi l-attrici gia` kellha gherusija ohra ma' terzi.

4. Illi l-attrici baqghet tirrifjuta li tmur taghmel vizta medika *nonostante* l-insistenza tal-konvenut peress li l-attrici tbati minn kondizzjoni ereditarja.

5. Illi ghalhekk il-konvenut ma hu responsabbli ghall-ebda danni fil-konfront ta' l-attrici.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 9 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attrici datata 10 ta' Dicembru 1998 a fol. 26 tal-process.

Rat il-verbali kollha tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta mit-23 ta' Gunju 1998 sas-27 ta' Frar 2002 fejn il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni tal-provi attrici quddiem din il-Qorti diversament presjeduta ghas-17 ta' Mejju 2002.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna tas-17 ta' Mejju 2002.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri mit-22 ta' Ottubru 2002 sal-4 ta' Novembru 2005 fejn il-kawza giet differita ghall-25 ta' Jannar 2006.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2006 il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli u ordnatilha li zzomm zewg (2) seduti fil-mori ta' dan id-differiment ghall-provi kollha konvenut; u tad-9 ta' Novembru 2006 fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Il-Qorti ordnat il-kancellament tal-kawza minn fuq il-lista a spejjez attrici. Il-kawza giet kancellata.

Rat ir-rikors ta' Michelle Carbonaro (fol. 149) datat 17 ta' Novembru 2006 fejn l-esponenti talbet lil din l-Onorabbli Qorti toghgobha terga' tqieghed li-kawza fuq il-lista tas-smigh u dan wara li taghti dawk il-provedimenti l-ohra kollha li jidhrilha xierqa u opportuni; u l-Qorti, bid-digriet taghha tat-22 ta' Novembru 2006 ordnat qabel xejn lill-attrici biex fi zmien ghaxart ijiem (10) tiddikjara b' nota xi provi fadal jitressqu bl-affidavit u *viva voce*, u fl-istess terminu tindika jekk ghandhiex bzonn tipprezenta nota ta' l-osservazzjonijiet.

Rat in-nota attrici datata 13 ta' Gunju 2007 u l-Qorti laqghet it-talba u rriappuntat din il-kawza ghas-smigh ghall-finali trattazzjoni ghall-20 ta' Novembru 2007.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli u x-xhieda quddiemha prodotta.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta tal-20 ta' Novembru 2007 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Anthony Farrugia ghall-attrici. Il-konvenut u d-difensuri tieghu Dr. Robert Mangion issejjah diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr. Farrugia tratta l-kaz. Dr. Robert Mangion rega' gie msejjah diversi drabi ohra baqa' ma deherx. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-13 ta' Marzu 2008.

Rat l-atti kollha prezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza ta' rezilment ta' gherusija li ma hijiex ibbazata fuq il-Ligi dwar il-Weghdiet taz-Zwieg (Kap 5) izda fuq l-**artikolu 1031 tal-Kap 16** li jipprovdi li wiehed ghandu jwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu, u l-**artikolu 1125** li wiehed jirrispondi ghan-nuqqas li jesegwixxi l-obbligazzjonijiet tieghu, u dan apparti l-**artikolu 1809 tal-Kap 16,** u dan ghaliex ma hemm l-ebda ftehim bil-miktub u fil-fatt hadd mill-partijiet ma allega dan. **"Josef Grech vs Joanne Testa"** (P.A. (NC) – 11 ta' Mejju 2004).

Illi sabiex tirnexxi din l-azzjoni trid tigi ppruvata l-ezistenza ta' gherusija, reziliment ingust tal-parti, u danni materjali kkwazati minhabba l-istess agir, hawn allegat *da parte* tal-konvenut (P.A. (RCP) **"Marika Spiteri vs George Cachia"** - 29 ta' Marzu 2007).

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet saru jafu lil xulxin fi Frar 1994, meta l-attrici kellha 21 sena u l-konvenut kellu 22 sena. Xi zmien wara bdew johorgu flimkien bhala koppja u sussegwentement bdew jitkellmu fuq il-possibbilta' taz-zwieg u jidher li giet iffissata d-data taz-zwieg bhala dik tal-21 ta' Gunju 1997 f'Attard, il-parrocca fejn kien jabita l-konvenut; bdew isiru l-arrangamenti ghat-tieg tant li giet ibbukjata s-sala il-Coastline Hotel, u saru l-preparamenti kollha l-ohra, bil-partecipazzjoni tal-konvenut kollox kif jirrizulta mill-affidavit attrici datat 16 ta' Novembru 1998 u anke mill-atti kollha processwali f'din il-kawza, tant li jidher li l-konvenut kien imur regolarment ghand il-familjari tal-attrici u ma jirrizultax tul din l-eghurisija kien hemm xi disgwid bejn il-partijiet, tant li sitt xhur qabel it-tieg l-istess konvenut kien xtara *eternity ring* lill-attrici, apparti li xtara huwa stess ic-crieket tat-tieg, u dan skond ix-xhieda tal-attrici (fol. 17), li pero' bl-ebda mod ma giet kontradetta.

Illi jirrizulta li tlett ijiem qabel it-tieg jirrizulta li ufficjal tal-Kurja kien cempel ghand omm l-attrici u nformaha li z-zwieg ma setax isehh u li l-partijiet kellhom imorru l-ghada ikellmuh u  jirrizulta li hemmhekk Monsinjur Joseph Dalmas, Kap Ufficjal taz-Zwigijiet tal-Kurja kien informahom li z-zwieg ma kienx ser jithalla ssir.

Illi ma jirrizultax lil din il-Qorti li l-istess ufficjal informa lill-attrici ghaliex dan kien il-kaz u ghalhekk l-attrici baqghet ma tafx ir-raguni proprja ghaliex dan iz-zwieg ma sehhx, izda mill-provi prodotti f'din il-kawza jirrizulta li Monsinjur Joseph Dalmas (xhieda tal-20 ta' Gunju 2001) ikkonferma li kien huwa li kien sostna li z-zwieg ma setghax isehh ghaliex huwa hass li l-konvenut ma kienx matur, u huwa jghid li kellem dwar dan biss lill-konvenut, u din il-Qorti thoss li hekk huwa fil-fatt il-kaz, wkoll ghaliex ghalkemm l-attrici ghall-ewwel qalet li kien l-istess Monsinjur li kien kellem direttament lilha u attribwixxa diversi ragunijiet ghaliex il-konvenut ma kienx lest li jiehu dan il-pass, in verita' fil-kontro-ezami taghha hija tghid li l-istess Monsinjur Dalmas qatt ma kien taha raguni ghaliex tali zwieg ma thalliex li jsir.

Illi pero' mill-kumpless tax-xhieda jirrizulta car li ma kienx il-komportament tal-attrici li wassal sabiex dan iz-zwieg ma jsehhx u jigi mwaqqaf mill-Kurja, anzi mix-xhieda ta' Monsinjur Joseph Dalmas jirrizulta ppruvat li kienet l-attitudini tal-konvenut li wasslet lill-istess Kurja li ma thalliex dan iz-zwieg jigi ccelebrat, tant li l-istess Monsinjur sostna fix-xhieda tieghu moghtija li huwa hass li l-konvenut ma kienx lest jew matur sabiex jiehu dan il-pass taz-zwieg, ghalkemm ma jirrizultax li ried jelabora iktar minn hekk anke minhabba l-posizzjoni sensittiva ta' dan l-ufficcju fi hdan il-Kurja. F'dan il-kuntest jinghad li Monsinjur Joseph Dalmas (21 ta' Gunju 2001) jghid fil-fatt li huwa kien tkellem mal-konvenut u kien qallu li huwa ma setghax jizzewweg ghaliex kien ghadu ma huwiex matur bizzejjed. L-Eccelenza Tieghu Monsinjur Vigarju Annetto Depasqaule (17 ta' Mejju 2002) ikkonferma li kienu saru t-tnidijiet izda z-zwieg kien thassar.

Illi din il-Qorti thoss li f'dan il-kuntest l-allegazzjoni attrici giet ippruvata fis-sens li kien l-agir tal-konvenut li wassal sabiex dan iz-zwieg ma sehhx, u dan ghaliex jidher li l-Kurja hasset li l-konvenut ma kienx lest ghaz-zwieg; jinghad li dan jinsab sostanzjat mill-fatt li l-konvenut jidher li ma kienx ippreparat u lanqas ried jizzewweg lill-attrici minkejja l-fatt li kienu saru l-preparamenti kollha tat-tieg anke bil-partecipazzjoni tieghu.

Illi fil-fatt fl-eccezzjonijiet tieghu huwa jghid li kien ser jizzewweg lill-attrici biss ghaliex hija kienet sforzatu u b'hekk jidher car li huwa qed jghid li ma kienx ippreparat u lanqas lest li jizzewweg lill-attrici, tant li jghid li saru l-preparamenti ghat-tieg minghajr konsultazzjonijiet mieghu; b'hekk jirrizulta li dak li effettivament qed jghid il-konvenut huwa li fil-verita' hu ma riedx jizzewweg; dan it-tip ta' atteggjament huwa wiehed serju *da parte* tieghu meta jirrizulta li giet iffissata d-data taz-zwieg ghall-21 ta' Gunju 1997 almenu mid-data ta' Novembru 1995, u ghalhekk jirrizulta li minkejja dak li allega l-istess konvenut fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu u d-dikjarazzjoni maghha annessa fis-sens li jindikaw li huwa kien kontra li jsehh tali zwieg, huwa kien baqa' ghaddej bil-preparamenti kollha sabiex l-istess zwieg isehh ghall dak iz-zmien kollu, tant li anke xtara c-crieket tat-tieg u kien ghamel anke preparamenti ohra kif indikati fl-affidavit tal-attrici, fil-waqt li ma hemm l-ebda dubju li kien konxju tal-preparamenti l-ohra li saru mill-attrici ghall-istess tieg. Fuq kollox jirrizulta li l-preparamenti kien ilhom li bdew isiru tant li l-ircevuta ghas-sala sabiex isir ir-riceviment kienet ilha mhallsa mit-28 ta' Novembru 1995 (Dok. "C") u l-istess ircevuta giet mahruga fuq il-partijiet u fiha hemm indikat li z-zwieg kellu jsehh fil-21 ta' Gunju 1997.

Illi huwa veru li l-konvenut jallega fl-affidavit tieghu li l-istess attrici bbukjat is-sala kontra x-xewqa tieghu, izda jidher li f'dik il-gurnata d-data tat-tieg kienet gja ffissata u kienet dik id-data meta attwalment kellu jsir it-tieg; mhux hekk biss izda jidher li wara dik id-data saru l-preparamenti kollha l-ohra sabiex ikun jista' jsehh l-istess zwieg u thallsu flejjes u diversi depositi, u l-konvenut stess kien ghamel xoghlijiet fid-dar fejn l-partijiet kienu sejrin

joqghodu, u  kien biss ftit jiem qabel it-tieg -  li kontra kull mistenni thassar kollox mill-Kurja u mhux mill-konvenut – allura f’dan il-kuntest dak li l-konvenut sostna fl-eccezzjonijiet u x-xhieda tieghu, li jindikaw li huwa ma riedx jizzewweg huma sinfikanti, ghaliex allura qatt ma kellu jibqa’ ghaddej bil-preparamenti taz-zwieg u tat-tieg, u twaqqaf kollox minhabba l-intervent tal-awtoritajiet ekklessjastici fl-ahhar mument u dan sahanistra wara li kienu hargu wkoll it-tnidijiet, kif jirrizulta mill-atti ta’ din il-kawza.

Illi ghal dan l-istess konvenut jilqa’ ruhu billi jghid li minkejja li huwa hass li l-attrici kienet qed tghaggel sabiex tizzewweg, huwa ma setgha jaghmel xejn sabiex iwaqqafha, tant li jghid li l-attrici kienet heddet li tikkometti suwicidju jekk jitlaqa’, izda din il-Qorti thoss li l-icken prova dwar dan ma tresqitx mill-konvenut; mhux hekk biss izda din il-versjoni tal-konvenut hija iktar inverosimili meta huwa jghid li mill-ewwel darba li ltaqa’ maghha u l-attrici bdiet titkellem fuq iz-zwieg huwa kien qalilha li ma kellux hsieb ta’ zwieg, u allura jekk hekk kien il-kaz huwa car li messu waqqaf ir-relazzjoni tieghu hemm; l-istess jista’ jinghad dwar l-allegazzjonijiet dwar sahhet l-attrici u fil-verita’ jekk wiehed jezamina t-tezi tal-konvenut ma jirrizulta l-ebda raguni ghaliex l-attrici riedet b’xi mod twaqqaf dan iz-zwieg, mentri jirrizulta mix-xhieda tieghu li huwa ma kienx lest u lanqas ried li jizzewweg lill-attrici – anzi jghid li kien sforzat jaghmel dan mill-attrici – allegazzjoni li ma gietx ippruvata.

Illi minn dan kollu din il-Qorti thoss li gie ghalhekk ippruvat sal-grad rikjest mill-ligi li r-raguni ghaliex dan iz-zwieg ma sehhx hija attribwita lill-konvenut li minkejja li ma kienx ippreparat u lanqas ried li jizzewweg lill-attrici, huwa xorta wahda baqa’ ghaddej bil-preparamenti ghall-istess sakemm ftit granet qabel ma kellu jsehh l-istess zwieg, dan thassar mill-Awtoritajiet ekklesjastici ghar-ragunijiet li jidher li kienu mputtabbli lill-konvenut, li gew indikati fl-atti ta’ din il-kawza bhala li l-istess konvenut kien ghadu mmatur sabiex jaghmel dan il-pass. Min-naha l-ohra jirrizulta li l-attrici verament riedet tizzewweg lill-konvenut u baqghet taghmel il-preparamenti kollha sabiex tali zwieg

isehh, u ma zzewgitx lill-konvenut biss ghaliex giet imwaqqfa mill-Awtoritajiet Ekklesjastici milli taghmel dan; mhux hekk biss izda jirrizulta car li l-istess attrici kienet lesta li tizzewweg lill-konvenut anke wara jekk tali l-Kurja thalli li dan isir. Jidher li l-posizzjoni tal-konvenut f'din il-kawza li kien avvers ghaz-zwieg ma waqfitux milli wkoll wara li thassar iz-zwieg ikollu relazzjoni mal-attrici u wkoll baqa' jara lill-attrici anke sena wara; min-naha taghha dan juri bic-car li hija xorta xtaqet li tizzewweg lill-konvenut tant li dan stqarritu f'din il-kawza minkejja dak li ghaddiet minnu, izda l-atteggjament tal-konvenut fil-kuntest ta' dak li ecceppixxa f'din il-kawza certament ma huwiex konsistenti. Ghall-kompletezza jinghad li l-istess attrici llum tinsab mizzewga lill-terza persuna.

Illi ghalhekk l-ewwel zewg talbiet attrici qed jigu milqugha.

Illi dwar danni sofferti mill-attrici jirrizulta li dawn jikkonsistu fis-segwenti:-

(a) spejjez tal-libsa tat-tieg fl-ammont ta' Lit.3,000,000 ekwivalenti ghall-Lm672.87 (bir-rata ta' 4,458.54 ghall-Lira Maltija fid-data tal-11 ta' Jannar 1996 (Dok. “A”).

(b) Depositu fuq is-sala – Lm300 (Dok. “C”).

(c) Depositi u ricevuti tal-Lights Studio, muzika, fjuri, u lbies tal-*bridesmaid*, *flower girl*, u *cocktail dress* (Dok. “D1” sa Dok. “D4”) fl-ammont globali ta' Lm319.55;

(d) Sett ta' ricevuti minn *The Groom Hiring Service* (Dok. “E”) ammontanti ghall-Lm234.

(e) Illi ma dan hemm l-ammont ta' Lm308 li huma pagamenti li saru mill-attrici ghall-mutur li ghandu l-konvenut u dan peress li hija xehdet li dawn il-pagamenti saru minnha bi flus kontanti – ghalkemm l-mutur baqa' fuq isem il-konvenut – u fil-verita' l-konvenut ma jsemmi xejn dwar dan lanqas fl-affidavit tieghu, u din il-Qorti thoss li l-allegazzjonijiet attrici anke f'dan il-kuntest gew ippruvati wkoll *in vista* tax-xhieda taghha nkluza dik minnha moghtija fil-kontro-ezami.

Illi ghalhekk l-ammont ta' danni sofferti mill-attrici li ghalihom huwa responsabbli l-konvenut huwa dak fl-ammont ta' €4,273.05 (Lm1,834.42) u ghalhekk it-tielet u r-raba' talba attrici qed jigu milqugha f'dan l-ammont.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti ma setax jsir minhabba mpediment *ossia* ostakolu fil-konfront mal-konvenut kif hawn deciz.

2. Tiddikjara ghalhekk li l-konvenut huwa responsabbli ghad-danni fil-konfront ta' l-attrici.

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici fl-ammont ta' erbat elef mitejn u tlieta u sebghin Ewro u hames centezmi (€4,273.05) [Lm1,834.42].

4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici dik is-somma kif likwidata fl-ammont ta' erbat elef mitejn u tlieta u sebghin Ewro u hames centezmi (€4,273.05) [Lm1,834.42] ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------